**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 02/10(25_02_10).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sur Saviour Spiteri kien ser jittardja.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-18 ta' Frar 2010.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Uffiċjal Eżekuttiv.
6. Il-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 19/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Fondi għal Konferenzi Internazzjonali f' Malta'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 20/2010 mingħand is-Senior Principal, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Rapport dwar l-Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 21/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 22/2010 mingħand l-Assistenta Personali/Taqsima Legali, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Ħruġ ta' *Bye-Laws* u Avviż Bidu fis-Seħħ'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 23/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Avviżi tal-MEPA dwar Applikazzjonijiet għal Żvilupp'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 24/2010 mingħand l-Assistenta Personali/Taqsima Legali, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Avviż Legali dwar ir-Regolamenti tal-2010 dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 25/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Kuntratt dwar il-Ġbir ta' l-Iskart Domestiku Mħallat'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 26/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Taxxa fuq l-*Allowance* lill-Kunsillieri'.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 27/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f' Lokalitajiet Żgħar'.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 28/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Strateġija Nazzjonali dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart'.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 29/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Mistoqsijiet Parlamentari numri 13004 u 14503'.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 30/2010 mingħand l-Assistenta Personali/Taqsima Legali, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Avviż Legali dwar il-Bord ta' Gvernanza'.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 31/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ir-Riforma fit-Trasport Pubbliku u l-Għoti ta' Kuntratti/Assenjazzjonijiet mill-Kunsilli Lokali għal Trasport Pubbliku bi Skeda'.

2.14 Il-Kunsill irċieva Memo 32/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li tul is-sena jilqgħu fihom Attivitajiet fuq Skala Nazzjonali u li jkunu organizzati esklussivament mill-Gvern Ċentrali'.

2.15 Il-Kunsill irċieva Memo 33/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007-2013'.

2.16 Il-Kunsill irċieva Memo 34/2010 mingħand l-Assistenta Personali/Taqsima Legali, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Avviż Legali dwar ir-Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet'.

2.17 Il-Kunsill irċieva Memo 35/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Użu ta' Bexx u Pestiċida biex jitneħħa Ħaxix Ħażin'.

2.18 Il-Kunsill irċieva Memo 36/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Kuntratti mogħtija mill-Kunsilli Lokali fl-2009'.

2.19 Il-Kunsill irċieva Memo 37/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġemellaġġi'.

2.20 Il-Kunsill irċieva Memo 38/2010 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Żjara tal-Q.T. l-Papa Benedettu XVI f' Malta fis-17 u t-18 t' April 2010'.

2.21 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 05131/09 – *Alterations and extension to dwellings and to convert existing washrooms to penthouse* fi Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.22 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand in-National Student Travel Foundation (Malta) rigward ir-raba' edizzjoni tal-*poster competition* għaż-żgħażagħ sabiex tiġi ċċelebrata t-20th Anniversary of the Convention on the Rights of the Child.

2.23 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 05834/09 – *Proposed extension to existing bar and restaurant* fi Triq ix-Xatt, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President, Reġjun ta' Għawdex rigward Jum il-Ħajja – 7 ta' Frar 2010.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kap Eżekuttiv, Green Mt Limited rigward 'Inizjattiva għall-Ġbir ta' Skart Separat'.

2.26 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Government Property Division rigward 'Reġistrazzjoni t' Art fejn it-Torri tax-Xlendi'.

2.27 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward 'Rapport fil-Malta Independent on Sunday tal-Ħadd, 31 ta' Jannar 2010'.

2.28 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 00093/10 – *To construct four flats with underlying garages* fi Triq ta' Rinota, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.29 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fil-25 ta' Jannar 2010 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.30 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Project Coordinator, OASI Foundation rigward iż-żewġ attivitajiet li ttella' kull sena, li huma Riflessi Sajfin u Youth of the Year Award.

2.31 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward 'Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali'.

2.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Lokali Kirkop rigward il-'LITUSGO Project'.

2.33 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Inizjattivi fil-Qasam Soċjali'.

2.34 Il-Kunsill irċieva Official Statement from Gozo S.P.C.A. rigward is-sitwazzjoni li tinsab fiha preżentament il-Gozo S.P.C.A u l-passi li ser jittieħdu.

2.35 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President, Reġjun ta' Għawdex rigward il-Laqgħa tar-Reġjun ta' Għawdex tal-5 ta' Marzu 2010, fil-Banca Giuratale, Victoria.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand sid ta' proprjeta' fi Triq il-Puniċi, Xlendi. Huwa qed jiġbed l-attenzjoni dwar materjal ħażin li ġie mitluq fit-triq. Dawn diġa' ġew irrapportati lis-Sezzjoni tal-Public Cleansing u ħadu l-passi neċessarji.

3.02 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident ta' Triq ta' Luvier, Munxar. Huwa qed jissuġġerixxi li l-mera li hemm fi Triq Ras il-Bajjada biex tigwida traffiku li jkun ħiereġ minn Triq ta' Luvier titbaxxa ftit 'l isfel. Qed jissuġġerixxi wkoll li titwaħħal mera oħra sabiex tiddirieġi traffiku li jkun ġej minn-naħa l-oħra. Kien hemm qbil dwar dawn is-suġġerimenti.

3.03 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta ta' Triq San Pawl, Munxar. Hija qed tilmenta li qed joħroġ ilma maħmuġ mingħand il-ġirien u jibqa' quddiem tagħha. Hija diġa' għamlet rapport lill-Pulizija.

3.04 Il-Kunsill irċieva talba mingħand residenta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957 sabiex issir bankina ġdida quddiem id-dar il-ġdida. Din it-talba ser tgħaddi lid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet peress li din hija bankina ġdida.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq ir-Rumani, Xlendi. Huwa qed jilmenta rigward it-triq peress li għalkemm ilmenta kemm-il darba sabiex din tingħata kisja asfalt, din għada f' sitwazzjoni li mank tista' timxi fuqha. Fil-laqgħa kien hawn preżenti diversi residenti ta' din it-triq fejn xtaqu juru d-diżapprovazzjoni tagħhom għall-fatt li din it-triq għadha ma ġietx asfaltata. Ġie spjegat lilhom li l-Kunsill diġa' għamel it-talba lill-Gvern Ċentrali u anke' ġiet inkluża fil-lista ta' toroq li ser isiru fl-iskema ta' P.P.P. (Private Public Partnership). Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jipprepara talba sabiex tiġi ffirmata mir-residenti kollha ta' din it-triq u tiġi mgħoddija lill-Gvern Ċentrali.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kanonku Giovanni B. Cremona, Rettur tal-Knisja tax-Xlendi fejn qed jitlob lill-Kunsill iħallas għal *Pipe Band* li ser iġib fil-Festa ta' l-Irxoxt. Din ser tiswa madwar €465. Ġie deċiż li l-Kunsill m'huwiex f' pożizzjoni li jħallas għal dik l-attivita'.

3.07 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand sid ta' proprjeta' fi Triq San Pawl, Munxar. Huwa qed jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward *road hump* li hemm fi Triq San Pawl quddiem id-dar numru 63. Peress li din hija baxxa u mbegħda mill-ħajt, il-vetturi qed jgħaddu viċin il-ħajt u qed ikunu ta' periklu għal min ikun ħiereġ. Huwa qed jissuġġerixxi li r-*road hump* titneħħa u ssir *zebra crossing* mill-kantuniera għal quddiem il-bieb tas-Sagristija. Ġie deċiż li ssir talba lit-Transport Malta sabiex ir-*road hump* tiġi spostjata aktar viċin iz-Zuntier tal-Knisja.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 02/10(25_02_10).

**5.00 Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u Uffiċjal Eżekuttiv.**

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-Uffiċjal Eżekuttiv. Is-Sindku ppreżenta r-rapporti u ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *bonus* ta' 10% u l-Uffiċjal Eżekuttiv *bonus* ta' 6% skont ir-regolamenti finanzjarji tal-Kunsilli Lokali.

**6.00 Il-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ħarġet sejħa sabiex isiru applikazzjonijiet għall-fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex jitranġaw pjazez ta' l-irħula. Il-proġetti proposti jridu joffru xi attrazzjoni għat-turisti u l-Pjazza tal-Munxar tikkwalifika peress li minnha jgħaddu l-maġġur parti tat-turisti li jmorru u jiġu x-Xlendi. Jista' jiġi kkunsidrat li jinfetħu x-*shelters* ta' taħt l-art u l-Pjazza tintuża għall-attivitajiet tal-massa. L-applikazzjoni ma tistax taqbeż is-somma ta' €350,000.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kisi bl-irħam tat-turġien tal-*Playing Field* huwa lest u l-ġimgħa d-dieħla ser jitkompla t-tpoġġija tal-madum. Il-Kunsill kien għadu kemm waħħal bank fil-*Parking* tax-Xlendi fejn hemm l-i*stop* tal-*Hop On Hop Off Bus.* Bħalissa l-ħaddiema ta' I.P.S.L. qed jirranġaw bankini fil-*Parking* tax-Xlendi. Issa kif il-Kunsill ikollu l-kwotazzjonijiet jibdel xi tabelli u *litter bins*.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fi Triq ta' Luvier m'huwiex isir ġbir ta' skart peress li l-iskamil m'huwiex jidħol fit-triq għax tinsab fi stat ħażin. Peress li din it-triq hija privata u trid titranġa mis-sidien, is-Sindku kiteb ittra lis-sidien sabiex jirranġaw din it-triq.

8.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa mal-M.E.U.S.A.C. fejn ġie spjegat dwar *funding* mill-Unjoni Ewropea għal Enerġija Alternattiva fejn 85% tal-fond jingħataw mill-Unjoni Ewropea u 15% *Co-Financing* mill-Gvern Ċentrali u l-kumplament mill-Kunsill. Il-Kunsill tal-Munxar jista' japplika fuq il-binja tal-Kunsill, il-Mitħna u t-Torri tax-Xlendi.

8.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienu saru applikazzjonijiet għal fondi dwar Aċċessibilta', Enerġija Alternattiva, Proġett ta' *Playing Field* u restawr ta' Niċeċ.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Il-laqgħa tal-lokalita' saret il-Ħamis, 18 ta' Frar 2010. Il-laqgħa msejjħa għar-residenti tal-Munxar ma saritx peress li ħadd ma kien preżenti. Il-laqgħa msejjħa għar-residenti tax-Xlendi saret fil-Lukanda St. Patrick's. Fil-laqgħa kien hemm preżenti s-Sur Joseph Sultana – Sindku, s-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv u kien hemm preżenti wkoll 15-il persuna. Is-Sindku ta rendikont ta' xogħlijiet li saru fix-Xlendi din l-aħħar sena, kemm mill-Kunsill kif ukoll mill-Gvern Ċentrali. Issemma fost l-oħrajn l-akkwist tat-Torri tax-Xlendi flimkien ma' Din l-Art Ħelwa, bidu ta' rranġar tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi u diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni. Twaqqaf ukoll Kumitat bejn il-Kunsill, il-Ministeru għal Għawdex, il-Gozo Business Chamber, G.T.A. u l-Land Department fejn qed jiġi ppjanat tisbiħ fix-Xlendi. Fil-laqgħa saru dawn l-ilmenti u suġġerimenti:

Ġie propost li fix-Xlendi jsir *Reserved Parking* għar-residenti iżda din ma tistax tiġi attwata peress li kull persuna li qed tikri xi *flat* fix-Xlendi hija meqjusa bħala residenti.

Saret ukoll referenza għall-istat ħażin ta' Triq ix-Xlendi pero' il-Kunsill ma jista' jagħmel xejn ħlief li jistenna sabiex din titranġa.

Fil-laqgħa ssemmew ukoll dwar il-problemi ta' l-imwejjed u siġġijiet peress li dawn qed jostakolaw il-passaġġ minn fejn jgħaddu l-*pedestrians*. Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Kumitat li għadu kemm twaqqaf qed jaħdem fuq dik il-problema sabiex l-imwejjed ikunu kollha uniformi.

Persuna ilmentat dwar il-*Bring in Site* tax-Xlendi peress li dawn il-*bins* dejjem qed ikunu mimlijin u anke' madwarhom fl-art. Din il-persuna ġiet imħeġġa sabiex meta jkunu mimlijin tinforma lill-Kunsill minnufih.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-bankina ta' Triq San Xmun tista' ssir peress li l-*Administrator* tal-*flats* qabel li għandha ssir.

11.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-Moll tax-Xlendi hemm tarġa li għandha bżonn li titranġa. Huwa ssuġġerixxa li bħal kull sena jinxtraw fjuri sabiex jitpoġġew fil-*pots* tax-Xlendi.

11.03 Is-Sindku xtaq jagħmel proposta sabiex fix-xhur tax-Xitwa kull nhar ta' Ħadd wara nofsinhar isir Monti fil-*Parking* tax-Xlendi. Kien hemm qbil dwar din il-proposta.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 29 ta' Marzu 2010, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana** — **Anthony Grech**
***Sindku.*** — ***Segretarju Eżekuttiv.***